**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 6 – IT-TNEJN, 17 TA' ĠUNJU 2013 FIS-6:00PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |

### 1 Approvazzjoni Minuti Numru 5

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Wara l-paragrafu 4.5, is-Sinjura Marica Bayliss skużat ruħha mill-laqgħa, minħabba li ddikjarat konflitt ta' interess. Fil-paragrafu 5.7 għandha tidħol li "hemm spiża ta' 100 Ewro għal kull pubblikazzjoni".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Pagamenti Numru 5

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Ġiet innutata l-ittra legali mingħand B Grima Ltd. Ghanda tiġi risponduta bl-Avukat tal-Kunsill, kif ukoll kopja tiġi riferuta lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

3.2 Nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju ser issir clean up activity mill-ħaddiema tal-HSBC. Għandu jiġi provdut skip u l-membri tal-Kunsill huma mħeġġa li jieħdu sehem.

3.3 Għandha ssir laqgħa mal-Ispettur u l-Kunsilli Lokali l-oħra nvoluti minn inkonvenjenza li qed ikun hemm fil-viċinanzi tal-ARIA.

3.4 Ġiet innutata li l-ex sindku, is-Sur Joseph Aguis għadu ma bediex jirrifondi l-onorarja żejda mħallsa minkejja li ffirma l-kuntratt. Għandna nistennew direzzjoni mid-dipartiment rigward din.

3.5 Rigward l-istima tad-dawl tal-ġonna, ġie short listed MI Installations, imma qed nistennew aktar informazzjoni mitluba minnhom.

3.6 Għandu jinxtara air conditioner mill-aktar fis possibbli għal customer care.

3.7 Għandha ssir l-applikazzjoni biex isir il-meter għas-solar panels għall-uffiċċju tal-Kunsill.

3.8 Ġie deċiż li ssir talba lill-MEPA biex id-deposit li huma jitolbu lill-applikanti tal-bini għall-bankini, tkun skont il-wiesà tal-faċċata.

3.9 Saret diskussjoni rigward il-bini li nbena mill-Gvern bħala post alternattiv għall-klabb tal-boċċi. Is-Sur Bonello Du Puis ippropona li ssir talba uffiċjali biex dan il-bini jiġi devolut lill-Kunsill. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Anthony Mifsud Bonnici għall-kumpens ta' bandiera tiegħu mitlufa. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħha minħabba li hu tilef iċ-ċwievet tan-notice boards. Dawn ser jiswew 120 Ewro + vat biex jinbidlu.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward żewġ stimi biex issir il-websajt tal-Kunsill. Għandha ssir analiżi mis-Sur Malcolm Abdilla u s-Sur Mikhail Micallef biex jaraw liema hija l-aħjar offerta.

4.3 Kien hemm qbil li tiġi ordnata l-fire engine għal-loghob tan-nhar waqt il-festa tal-lokal.

4.4 Kien hemm qbil li s-Sinj Denyse Scerri, li ser tieħu l-post fl-administration, tiġi assenjata l-massimu ta' Skala 15.

## 5 Punti li joħorġu mill-minuti u Affarjiet oħra.

5.1 Is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni li għandha ssir site visit fi Triq San Ġiljan minħabba t-talba tal-mera. Għandha ssir il-visit din il-ġimgħa.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni li kien hemm fannijiet fil-mitħna li ġew nieqsa. Ġie deċiż li jsir katnazz ġdid. Ġie deċiż li jinxtara fan ieħor għall-użu waqt id-day centre.

5.4 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni ta' minuti 5.4 li hi provdiet ritratti u anke s-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien irċieva SMS minn membri Parlamentari fuq ilmenti ta' knis fil-Kappara. Hi ppreżentat tablet li ġie mogħti lill-Kunsill mit-TCTC. Kien hemm qbil li għandu ssir kompetizzjoni fil-magazine jew fil-websajt tal-Kunsill biex jintrebaħ dan it-tablet.

5.5 Is-Sur Malcom Abdilla talab biex kemm jista' jkun il-minuti u lista tal-pagamenti jiġu mgħoddija lill-Kunsilliera kemm jista' jkun malajr.

5.6 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-magazine tal-Kunsill ħareġ u kien qed jitqassam. Hu fakkar, anki f'isem is-Sur Trevor Fenech, li s-Sibt ser ikun

hemm sports day bħala parti minn Jum San Ġwann. Kien hemm qbil li jinxtraw l-affarjiet li jkun hemm bżonn bhall-ilma, frott, tokens, kif ukoll mementos għal nies distinti li ser jieħdu sehem. Ghandha tinkiteb ittra lil Kuntrattur li kien iqassam il-fuljett li m'ahniex ser naghmlu uzu mis-servizzi tieghu.

5.7 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li t-tisqija tal-masġar se jibda jsir darbtejn fil-ġimgħa. Ġiet innutata l-enforcement li sar fi Triq il-Bies fejn kien qed isir żvilupp bla permess. Hu informa lill-Kunsill li ġiet iffurmata NGO ġdida b'interess fil-wirt storiku ta' San Ġwann. Hu talab jekk hux possibbli li jiltaqgħu fil-Kunsill. Għandha ssir laqgħa magħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 1 ta Lulju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |